MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 12/2011

**Decizjoni tal-Arbitru Numru 157/11 fl-ismijiet: -**

**Ramona Calleja**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-6 ta’ April 2011 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*“L-Arbitru,*

*Illi mill-ispezzjoni maghmula mid-Dipartiment tal-Frodi ta’ Beneficcji u Investigazzjoni rrizulta li l-appellanti u t-tfal taghha ma jirrisjedux b’ mod ufficjali u regolari u permanenti fl-indirizz minnha moghti.*

*Ma kienx hemm xejn li jabbinha ma' dak l-indirizz. Anzi ommha stess stqarret maghhom li ma kinetx tghix f' dak l-indirizz.*

*L-appell qed jigi michud."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ramona Calleja detentrici ta' karta ta' identita numru 295084 (M) datat 3 ta' Mejju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Sigurta` Socjali) datata 12 ta' Ottubru 2011 a fol 8 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tal-hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Anglu Farrugia ghall-appellanti Ramona Calleja, u Dr. Nadya Fiott ghad-direttur appellat. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-28 ta' Gunju 2012.

Rat id-digriet tal-Qorti fejn irrikjamat il-kawza ghas-26 ta' Gunju 2012 ghall-istess skop u fejn il-partijiet tramite d-difensuri taghhom taw ruhhom notifikati bid-digriet tar-rikjam tal-appell u ghalhekk d-decizjoni tista' u ser tinghata llum.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 6 ta' April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi dan l-appell huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li l-Arbitru ghamel apprezzament hazin tal-provi meta kkonkluda li l-appellanti u t-tfal taghha ma jghixux b'mod ufficjali, permanenti u regolari fl-indirizz minnha moghti, tant li qal li ma hemm xejn li jabbina ma' dak l-indirizz, u dan ghaliex meta l-ispetturi tad-dipartiment marru fil-fond indikat sabu lill-omm u uliedha proprju fl-istess dar u wkoll il-hwejjeg taghhom hemm, u wkoll li l-appellanti u t-tfal taghha ghandhom il-karta tal-identita' hemmhekk u allura meta inghad fl-istess decizjoni li *"rrizulta li l-appellanti u t-tfal taghha ma jirrisjedux b'mod ufficjali u regolari u permanenti fl-indirizz minnnha moghti"* dan ma kienx korrett, kif lanqas kien korrett meta inghad li *"ma hemm xejn li jabbina ma dak l-indirizz",* u omm l-appellanti mhux minnu li qalet li bintha ma tghix fl-indirizz indikat.

Illi din il-Qorti rat id-decizjoni tal-Arbitru u din il-Qorti thoss li tali decizjoni litteralment qatghet ghad-dritt u dak li inghad ma huwiex korrett u mhux sorrett mill-provi prodotti u dan peress li ma jistax jinghad li ma hemm xejn x'jabbina lill-appellanti mal-indirizz indikat iktar u iktar meta jirrizulta li waqt l-ispezzjoni li saret hija kienet id-dar flimkien ma' uliedha, u wkoll li l-karta tal-identita' taghha hija registrata fuq il-fond hekk minnha ddikjarat u dan fih innifsu ma' jistax jinghad li jwassal sabiex jinghad gie ppruvat dak li qed jghid l-appellat li l-appellanti ma kienitx qed tifforma familja ghal rasha jew li hija ma tabitax fil-post indikata minnha. Anzi jirrizulta li l-appellanti qed tghix u tabita f'dan il-post ghalkemm jista' jkun, li kif qalet l-omm it-tfal gieli raqdu ghand iz-zijiet taghhom u ghand il-boyfriend tal-appellanti.

Illi huwa veru li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba l-apprezzament tal-arbitru **("Anna Faniello vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Frar 2007) izda dan sakemm ma' jkunx hemm zball manifest fil-provi quddiemu prodotti, (anke jekk din il-Qorti ma tistax ma turix il-prokupazzjoni taghha ta' kif jidher li jsiru tali seduti, kif jingabru l-provi, u wkoll kif jigu preservati l-istess, u dan apparti mill-kwalita' tad-decizjonijiet moghtija li huma

hafna drabi karenti minn motivazzjoni adegwata) b'dan li tali zball ikun ippregudika d-drittijiet ta' parti jew ohra.

Illi hekk hemm f'dan il-kaz ghaliex jidher li l-Arbitru bbaza kollox fuq l-asserzjoni generali li ma hemm xejn x'jabina lill-appellanti mal-fond indikat, meta dan ma huwiex korrett ghaliex hija tghid li tghix hemm ma uliedha, kellha zgur ammont ta' hwejjeg taghha u ta' uliedha li kienu hemm, kienet hemm waqt l-ispezzjoni, omma ikkonfermat li toqghod hemm, ghalkemm uliedha gieli raqdu f'postijiet ohra, u hija registrata bil-karta tal-indentita' taghha li tghix hemm u allura ma jistax zgur jinghad li *"ma hemm xejn li jabbina ma dak l-indirizz".*

Illi jinghad ukoll li l-enfazi li ghamel l-Arbitru li *"l-appellanti u t-tfal taghha ma jirrisjedux b'mod ufficjali u regolari u permanenti fl-indirizz minnha moghti"* ma hijiex korretta mhux bhala punt ta' fatt, kif anke gja indikat, izda wkoll legalment ghaliex dak li kellu jara l-istess Arbitru skond il-Ligi huwa jekk hija kientitx tifforma familja ghal rasha u/jew li qed tabita f'indirizz differenti moghtija minnha lid-Dipartiment, u certament li mill-atti processwali li kellu ghad-disposizzjoni tieghu l-Arbitru ma jirrizulax li gie ppruvat li hija tghix f'fond differenti minn dak indikat minna, tant li l-istess rapport tad-Direttorat kien ibbazat fuq telefonata anomina fejn gie allegat li l-istess appellanti qed tghix "<u>x'imkien Bugibba mas-sieheb taghha u t-tfal taghha…", </u>izda dan mill-inkartament li gie prodott quddiem il-Qorti certament ma giex sostanzjat u wisq inqas amplifikat u spjegat u zgur li abbazi ta' dan jirrizulta li d-decizjoni tal-Arbitru injorat dan kollu, u certament dak allegat f'dan l-aspett mill-appellat lanqas jista' jinghad li gie ppruvat fil-grad rikjest mill-ligi.

Illi ghalhekk din il-Qorti, anke minhabba il-karenzi ovvji tal-istess decizjoni tal-Arbitru, u minhabba dak kollu hawn deciz, li jindika li Ligi ma gietx applikata b'mod korrett u ekwu **("Anthony Vella vs Direttur tas-Sigurta Socjali"** – A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011) u dan ghaliex ma kienx hemm raguni valida u ppruvata li tawtorizzah iwaqqaf il-hlas ta' tali beneficcju lill-appellanti **("Kimberly Joy Agius vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 6 ta'

Ottubru 2010), qed tilqa’ l-appell u b’hekk tirrevoka u tannulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi l-istess decizjoni tieghu fil-kaz fl-ismijiet premessi deciz fis-6 ta’ April 2011.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tad-Direttur Generali (Sigurta’ Socjali) datata 12 ta’ Ottubru 2011 biss in kwantu l-istess hija inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-appell interpost mill-appellanti Ramona Calleja fir-rikors tal-appell taghha datat 3 ta’ Mejju 2011 ghar-ragunijiet hawn decizi, b’dan li din il-Qorti qed tirrevoka u tannulla ghal kull effett u buon fini tal-Ligi d-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet “Ramona Calleja vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali” (Decizjoni tal-Arbitru 157/11JPB) datata 6 ta’ April 2011.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellat id-Direttur Generali (Sigurta’ Socjali)**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------